MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2003

Numru 65/2003

**Il-Pulizija**
**(Spetturi Stephen J. Gatt u Carmeo Bartolo)**
**vs**
**Peter Grima u Sammy Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Peter Grima ta' 21 sena, bin Joseph u Doris nee' Vella imwieled Pieta' fl-1 ta' Settembru, 1981 u residenti 17, Marsa Road, Marsa detentur ta' karta ta' identita numru 547681(m); u

Sammy Azzopardi ta' 18-il sena, bin il-mejjet Francis u Maria nee' Bellizzi, imwieled Pieta fil-11 ta' April 1984 u residenti 21, Triq l-Assunta, Marsa detentur ta' karta ta' identita numru 195584(m) akkuzati talli:

a. fl-20 ta' Jannar 2003 ghal habta ts-1.30 ta' filghodu waqt li kienu l-Msida, ikkommettew serq ta' diversi oggetti fosthom flixken tax-xorb, apparat telefoniku

u flus, li huwa ikkwalifikat bil-mezz, hin, kif ukoll bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira maltija ghad-detriment tad-dirigenti tal-Kumpanija Wembley Ice Cream Company Limited, Joseph Attard mill-Belt Valletta, u/jew persuni ohra;

b. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmlu delitt, u cioe' serq ta' oggetti ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf lira maltija, ghad-detriment tad-dirigenti tal-Kumpnaija Wembley Ice Cream Company Limited, Joseph Attard mill-Belt Valletta, u/jew persuni ohra kif ukoll bil-hin, u bil-mezz, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta taghhom;

c. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li ma tiskorrix il-hames mitt lira imma kienet izjed minn hamsin lira saret ghad-detriment tad-dirigenti tal-Kumpanija Wembley Ice Cream Company Limited, Joseph Attard mill-Belt Valletta, u/jew persuni ohra;

d. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu sabiex ibieghuhom jew imexxuhom;

Fil-konfront ta' Sammy Azzopardi wahdu:

talli nhar l-20 ta' Jannar 2003, ghal habta tas-1.30am waqt li kien fl-Msida kiser il-provediment tal-Artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta meta gie moghti l-iberta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor tul il-perjodu ta' sentejn, liema sentenza inghatat lilu fit-30 ta' Settembru 2002 mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati f'liema ammissjoni huma ippersistew fiha anke wara li l-Qorti taghthom zmien biex jahsbuha.

Ikkonsidrat:

Stante li l-ammissjoni hija wahda volontarja u inkondizzjonata tiddecidi l-kawza billi:

- fil-konfront ta' Peter Grima, rat l-Artikolu 41(1)(a), 261(b)(c)(f), 264, 267, 270, 278(1)(2), 279(a), 280(1)(2), 325, 17, 31 tal-Kap 9 tiddecidi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 9 tal-Kap 152 ghal perjodu ta' tliet snin millum wara li kkonsidrat il-fedina penali tieghu.
- Fil-konfront ta' Sammy Azzopardi, rat l-Artikolu 41(1)(a), 261(b)(c)(f), 264, 267, 270, 278(1)(2), 279(a), 280(1)(2), 325, 17, 31 tal-Kap 9, l-Artikolu 10 tal-Kap 152 tiddeciedi li tpoggih taht ordni ta' probation taht il-harsien tal-probation officer Carmen Borg ghall-perjodu ta' 3 snin millum wara li kkonsidrat ic-cirkostanzi kollha fil-konfront tieghu.

Tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti minbarra l-vettura.

--------------------------------TMIEM--------------------------------